Art.101 of the Schengen convention expressly abolish the possibility of installing a terminal for direct access to S.I.S. data at Interpol's Headquarters. Information can thus circulate simultaneously via three different systems which cannot communicate with each other. This may result in overlapping of inconsistent data. How does the EU wish Interpol to participate in the new forms of police co-operation in Europe? The answer is clouded, and we have wait until any agreement will be reached. For the moment, the two organisations have to be contented within direct links to one another's database. This system for sure is not the ideal one.

Europol at the time being, is processing about six thousand three hundred messages a year against the one million messages processed by Interpol.

RIVALITY
EUROPOL VS. INTERPOL

There is some type of rivality between Europol and Interpol. Most

member of Europol are ex-Interpol members and so carried with them many tactics copied from Interpol. Europol removed the monopoly of Interpol in Western Europe and reduced its importance with the EU members. Most of European information transpass from the Europol centre and so in spite of its financial supremacy Interpol is losing such valuable information. However, in spite of the rivality, both organisations try to give a different impression to the general public; that they are working together. An optimistic point of view is that to held various meetings and studies in order to avoid duplication of work.

Another advantage of Europol over Interpol is that state members Europol can be in the Interpol organisation as well, but members outside the cannot become members of Europol, thus the EU members are having more information as regards international crimes.

For the time being, Malta is not an EU member, and so it cannot benefit from the service offered by Europol. A possibility that Malta may enter the EU is still there, but the more time passes the more difficulties are raised: between our two main political parties about the question of whether Malta should become a full member of the EU or not.

The operation and output of Interpol and Europol can be evaluated on bases of their effectiveness, that means on the real successful results together with the confidentiality of data. This can be measured also with regards to reaction time between inputs and outputs.

The two organisations do not differ much from each othor; they overlap many aspects. Many similarities prevail over the differences between the organisations. They must not give organised criminals the advantage in finding the two organisations quarrelling about who is the most efficient or effective. Both must use all their energy to equip themselves and help each other. Although Europol is a small organisation, it may serve as a stimulant for Interpol to do its duty better when it knows that there is another organisation, which is smaller in number of members, but who is doing the job very well and is giving positive results in Europe.

CONCLUSION

Malta should not feel inferior to other states just because it geographically smaller in dimensions. As we are doing in the recent case of Moroccan drug barons, we may become a keystone which may tie the arc of boundary against international crime between Africa and Europe. During his message on the occasion of Interpol's 75th Anniversary celebrated on June 1998, the secretary general of Interpol, Raymond E. Kend encouraged all member states 'to ensure that they are using their links Interpol as effectively as possible. Belonging to Interpol means belonging worldwide partnership; and thus brings with it responsibilities as well benefits'.
(Taken from the message of Raymond E. Kendall on the 75th Anniversary of Interpol)

This can be applied for Europol, and above all, also for Interpol Floriana which forms a full member of Interpol's valuable work towards a better and safer world. Above all 'the duty of the executive police is to preserve public order and peace, to prevent and to detect and investigate offences, to collect evidence and to bring the offenders whether principals or accomplices be judicial authorities'. By means of Interpol and Europol we are happy to say we can perform this duty world-wide in spite of our limitations as efficiently and effectively as any other country in the world.
(Laws of Malta Chpt.9 Sec.346(1)

BIBLIOGRAPHY


- *Art. 3 Interpol Convention.*
- *Report from ICPO Interpol current and recent activity data.*
- *Intersec Vol.6*
- *Final published Report on the Results of International Conference on cross boarder crime and International Co-operation in a Euro Mediterranean perspective.*
- *Interpol Constitution Art.2.*
- *Fernand & Schlanitz 1975; Nepote 1970.*
- *Art.101 of the Shengen convention.*
- *Harold 1974.*
- *Message of Raymond E. Kendall, the Secretary General of Interpol on the 75th Anniversary, June 1998.*
- *Laws of Malta Chpt.9 Criminal Code Sec.3461.*
- *Goldenberg, A. - The International Commission of Criminal Police. - University of Paris 1953, 165p.*
- *Thirion, S. - Report of the Activity of the International Crimina Organisation of Police, - University of Pantheon. Sorbonne, Paris 1, 1989, 74p.*
- *Thouvenot, A. - The International Criminal Organisation of Police University of Poitiers, 1959, 93p.*
- *Interview with Maltese Assistant Commissioner responsible for IP Floriana Malta Branch.*


*Research Made by Insp. Cadet Joseph Agius during University Course in Policing at the University of Malta 1999.*

*With thanks to A.C. Mr. Andrew Seychell for his useful information in this project.*

# VANDALISM

## *How To Protect Your Home and Property from Vandals*

Vandalism is a growing national problem. Last year this senseless crime cost huge money. Vandalism is a problem that gets to everyone in some form or another. It can affect your family, friends, property, community, and your pocketbook.

The more you know about vandalism, the more you can make it a crime that is more trouble than it's worth.

**WHAT IS VANDALISM?**

Vandalism is the deliberate defacement, mutilation, or destruction of private or public property. It is not a "harmless prank." Vandals are criminals because they destroy property, waste time and money, and cause suffering and death. While millions of incidents of vandalism are reported every year, at least twice as many incidents are not reported.

**WHO IS THE VANDAL?**

Over one half of all the crimes associated with vandalism occurs in high schools. There is no typical vandal. Vandals can be good or bad students, girls or boys, whites or blacks, rich or poor.

The largest age group arrested for vandalism is between 13 and 14. However, children as young six and seven vandalize schools and park areas. Teenagers with growing-up problems act destructively by misusing vehicles, spray-painting graffiti on public places, etc. Older youths often commit more serious acts such as damaging vehicles or machinery, burglary, arson or theft.

**WHY DO PEOPLE VANDALIZE?**

Although most vandals do not have a clear motive for their acts, studies show that basic social problems and attitudes are at the root of the vandalism. Among the many explanations for the crime are anger against society, boredom, drug and alcohol abuse, disciplinary problems, personal problems and racial/political conflicts.

**HOW CAN VANDALISM AFFECT MY FAMILY AND FRIENDS?**

• The innocent bystander who is so often a victim of the vandal's activities could easily be you or someone close to you.

• Many young people are readily influenced by their peers. By joining the groups of teenagers who are vandalizing out of boredom or are trying to impress other teenagers, your child could end up with a police record instead of a diploma.

• In 1978, vandalism cost schools in the United States over $460 million dollars or $13 per student, today's figures are much, much higher. The cost of your taxes could rise unnecessarily or the quality of your child's education could be lowered as a result of temporary school closings and equipment shortages.

**HOW DOES VANDALISM AFFECT MY COMMUNITY?**

• Police, fire and emergency services are affected by the direct damage, increased workloads and false alarms.

• Facilities, such as parks and public rest rooms which everyone in the community uses, become unavailable or dangerous.

• The court system is affected by the strain of time-consuming hearings and trials which jeopardize a defendant's right to a fair and speedy trial.

**HOW DOES VANDALISM AFFECT MY POCKETBOOK?**

• Taxes go up when public property has to be repaired or replaced.

• Your insurance may cover damage to your personal property, but rates will increase if vandalism becomes rampant in your neighborhood.

• According to a Small Business Administration Report, over $814 million dollars is lost as a result of vandalism. If you own a business, you have to pay part of the cost of this damage. Even if you don't own a business, part of that cost will be passed on to you through higher prices.

**Special Offer**
Until end March 2001




# BEST Interest Rates
## 5.5% for the first year on the first Lm15,000.

PLUS

**Lm500 Cash Back**[1]

(on loans exceeding Lm25,000)

- ✔ Lm200 after **5** years
- ✔ Lm150 after **10** years
- ✔ Lm150 after **15** years

PLUS

**No** early repayment fees

PLUS

**Flexible** lifestyle repayments

PLUS

**Only** 10% contribution is required

## YOUR NEXT STEP...

For additional **benefits** and further **discounts**, contact your nearest BOV branch for a quotation.

BOV

http: //www.bov.com • **e-mail:** customercare@bov.com

All interest rates quoted are subject to change.
[1]Cash back not to exceed Lm500.

BOV Homelink success

**More than loans we give homes**

# VANDALISM

## HOW CAN I KEEP VANDALISM FROM GETTING TO ME?

***Teach By Example***

As parent, you are considered responsible for your child's behavior. Parents can be held financially responsible for acts of vandalism committed by their children. Setting a good example is the best way to influence your children to behave properly.

• Respect the law, plus other people's rights and property.

• Don't offer excuses for lawlessness; don't be indifferent to it.

• Don't break laws, no matter how small (e.g. violating traffic rules).

*Protect Your Personal Property*

• Keep garage locked.
• Use outdoor lighting.
• Keep shed locked.
• Keep car doors locked.

*Report Incidents*

• Report suspicious persons or activities near your home or your neighbor's home to your local police.

• Report to authorities if you spot unusual activities at odd hours near your school, church, etc. Work with your local newspaper and radio stations to emphasize the nature and extent of the problem. Encourage them to publish a weekly "destruction list" enumerating acts of vandalism and the cost to taxpayers.

• If you are confronted by vandals, cooperate with your local police force to see that they are caught and punished.

*Get Involved*

• Encourage your family and friends to join anti-vandalism organizations. Join a townwatch in your area, or start one if there isn't one already in your neighborhood. Contact your local police department for information on townwatches in your area. Townwatches are neighbors that meet and plan preventive measures against vandalism and other crimes such as watching each other's property, patrolling the neighborhood, and reporting any suspicious activities.

• Become active in youth programs that provide young people with constructive alternatives to vandalism and enable them to take pride in their neighborhoods instead of destroying them. These include neighborhood beautification programs; community camping trips; basketball teams; or theatrical groups. You can also help develop counseling centers or anti-vandalism campaigns in schools or assist other youth groups such as the Girl Scouts, Boy Scouts, Campfire Girls, Boys Clubs, Big Brothers/Big Sisters or other youth oriented community service organizations.

*Be Aware*

Your child will probably be exposed to vandals in his school. Make sure you discourage him from participating in their activities.

• Give your child enough attention. Give plenty of love as well as discipline.

• Encourage his activities, recognize his successes and help him learn from his failures. (Note: Vandalism is not only a problem among young males. Females are just as likely to become vandals. We are using the male pronoun "he", only for the ease of reading.)

• Be aware of who his friends are and know how he spends his time. Give advice when needed.

• If your child begins to develop serious personal problems, i.e., difficulties in relationships, drug or alcohol problems, etc., get professional counseling. It can keep minor problems from becoming major difficulties.

Now you know how vandalism can get to you. Take the time to protect your family, your community and your possessions from vandals. Make crime more trouble than it's worth.

# IL-KAŻ
## tv series

TV SERIES

Bi pjaċir inħabbru li l-Ewwel u t-Tieni Sensiela ta' 'IL-KAŻ' li dehru fuq Television Malta fix-xhur li għaddew, issa jinsabu miġbura f'pubblikazzjoni li għadha kemm ħarġet u li ġġib l-istess isem. Dan il-ktieb ta' referenza jinkludi l-każi li kienu trattati, kif ukoll rapport estensiv dwar l-informazzjoni li ta l-pubbliku f'kull każ rispettiv. 'IL-KAŻ' hu ktieb, kemm li għandu jkun fil-librerija, żgħira kemm hi żgħira ta' kull dar Maltija, kif ukoll bħala ktieb ta' referenza għal dawk li qed jistudjaw il-Liġi, Kriminoloġija, jew li qed isegwu xi kors ta' Kuntistabbli jew Spettur fl-Akkademja tal-Pulizija.

Minn din l-edizzjoni se nkomplu nagħtu ħarsa lejn aktar każi li kienu trattati fis-sensiela investigattiva, 'IL-KAŻ' u llum proprju jmiss nitrattaw id-delitt makabru ta' ċertu Louis Galea, magħruf aħjar bħala Ġiġi Rizzu mir-Rabat, Għawdex.

Tonio Bonello :- Executive Producer 'IL-KAŻ'
E-Mail:- HYPERLINK "mailto:toniob@vol.net.mt" toniob@vol.net.mt
Mobile :- 0986 0200

IL-QTIL TA' LOUIS GALEA F'GĦAWDEX

Data :- 9 ta' Jannar 1997
Investigaturi:-L-Assistent Kummissarju John Rizzo
L-Ispettur Antonello Grech
Executive Producer tas-sensiela 'IL-KAŻ' - Tonio Bonello, Ġurnalist

Fl-10 ta' Novembru ta' l-1996, għal ħabta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, Angela Galea, mart Louis Galea magħruf aħjar bħala Ġiġi Rizzu irrapurtat fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat li r-raġel tagħha Louis ma kienx irritorna d-dar fil-lejl ta' qabel. Hi qalet li fittxitu filgħodu meta qamet. Qalet ukoll li sabet il-van tiegħu Toyota ta' kulur Abjad ipparkjat wara l-bieb. Filgħodu, kompliet mart Louis, iċċekkjat mal-familjari jekk kenux rawh x'imkien u billi ma rawh imkien, kienet marret tagħmel rapport l-Għassa.

L-aħħar li ratu kien fis-6.00 ta' filgħaxija pero' fl-10.00 ta' bilejl, it-tifla tagħha Pauline kienet semgħetu dieħel fil-garage li għandhom mad-dar. Kienet semgħet xi vuċi ta' raġel ieħor ukoll pero' din il-vuċi hi ma għarfitix. Ftit wara, jiġifieri bejn tlieta u ħames minuti wara, dawn reġgħu ħarġu. It-tifla stqarret li fil-ħin li missierha telaq,



kienet semgħet mutur u karrozza jistartjaw.

Minn dak il-mument kienu bdew l-investigazzjonijiet, fil-bidu minn naħa tal-Pulizija tad-Distrett kif ukoll b'inkjesta mmexxija mill-Maġistrat Paul Coppini li ħatar diversi esperti Forensiċi u oħrajn sabiex jisimgħu x-xhieda tal-persuni li kienu raw lil Louis Galea fil-jum ta' qabel.

## IL-QTIL TA' LOUIS GALEA F'GHAWDEX

Tajjeb jingħad li mhux soltu li f'każi bħal dawn issir inkjesta' minnufih pero' f'dan il-każ partikolari, minħabba esperjenzi oħra passati, dan il-każ ingħata l-attenzjoni ta' inkjesta u investigazzjoni massima. Fost l-oħrajn, il-Pulizija tkellmu ma' min kien rah l-aħħar, fejn rawh, fejn seta' mar u l-iskop li għalih kien mar.

Pass ieħor minn naħa tal-Pulizija kienu tfittxijiet li bdew jagħmlu madwar Għawdex kollu. Tkellmu wkoll mal-membri tal-familja tiegħu, ma' ħbieb li seta' kellu, kif ukoll persuni oħra li seta' kellhom xi negozju miegħu bħal per eżempju, tal-magni tal-logħob. F'dan ir-rigward kien issemma li Galea seta' kellu xi kuntatt ma' persuni f'Malta. Fil-fatt kienu ġew investigati xi persuni minn Malta wkoll b'konnessjoni ma' dan l-għibien.

Irid jingħad li Ġiġi Rizzu, (kif kien magħruf) jew Louis, ma kellux xogħol fiss. Sar magħruf li dan kien jagħmel xogħol ta' D.J., waqt li f'dik il-ħabta kien qed jaħdem ukoll ma' tal-films. Dak iż-żmien f'Għawdex kien qed jingibed il-film 'Odysee' u Galea kien d-Diretturi tal-film kienu ġew interrogati kollha biex il-pulizija setgħet tistabilixxi jekk xi ħadd jew uħud minn dawn, kellhomx tagħrif dwar fejn seta' kien Louis Galea.

Galea jingħad li kellu wkoll ħanut fejn kien isewwi r-radios u affarijiet oħra. Kellu wkoll negozju tal-magni tal-logħob u l-uniku xogħol li forsi ġieli għamel Malta kien bħala D.J.

Pass pass, il-Pulizija bdiet tibni x'kien għamel Louis Galea, partikolarment f'dik il-lejla meta ma rritornax lura d-dar. L-aħħar li deher kien fid-19 ta' Novembru fil-11.30 ta' bilejl fejn persuni qalu li kienu rawh sejjer bil-mixi, minn Pjazza San Franġisk lejn in-naħa tas-Seminarju.

Fl-istess perjodu kienu saru xi arresti ta' nies li kellhom ituh jew itihom xi flus u oħrajn li seta kellhom xi kwistjonijiet miegħu. Apparti n-negozju tal-kaxxi tal-logħob li kien investigat u mgħarbel sew, il-Pulizija evalwat ukoll l-aspett familjari fejn hu mifhum li f'xi żmien seta kien hemm xi konfront ma' xi wħud minn ħutu.

Louis kien ġej minn familja kbira u ġieli kien hemm xi kwistjonijiet familjari, f'sens li mhux dejjem qablu. Fil-passat kien hemm ukoll kwistjonijiet konnessi mal-wirt tal-familja.

Il-Pulizija qieset ukoll id-diversi movimenti ta' persuni li setgħu vjaġġaw bejn Malta u Għawdex fil-ġurnata meta Galea kien rappurtat nieqes u fil-ġurnata ta' qabel. Kienet infurmata wkoll l-aġenzija internazzjonali tal-Pulizija, 'Interpol' li dawn ingħataw deskrizzjoni dettaljata ta' Galea, għax sa dakinhar kien għad mhux eskluż il-fatt li l-persuna inkwistjoni seta' ħarab mill-pajjiż għal raġunijiet ta' djun, jew minħabba f'ċirkostanzi oħra.

Waqt li ż-żmien kompla għaddej, il-Pulizija komplew jestendu l-istħarriġ tagħhom dwar il-persuna. Saru jafu li Louis kien bniedem tal-familja u tar-rispett. Irriżulta wkoll li hu kien iqatta' ħafna ħin fil-ħanut ta' ħuh Franco, liema ħanut jinsab sitwat f'Marsalforn u jġib l-isem, 'Ritz Bar.' Louis kien iħobb jgħaddi xi ftit tal-ħin fil-kumpanija ta' ħuh. Minn dan l-aspett il-Pulizija raw ukoll x'possibiltajiet ta' negozju ieħor seta' kien hemm u li fih kien involut Louis.

Kien madwar xahrejn wara, eżattament



Genius
YES.
we can
be a Solution Innovator
Free
Genius Colour Page
VIVID III SCANNER
with every computer system purchased.
Offer valid
till the end of December 2000
Plug 'n Play Computer Centre
151, Spiteri Fremond Street, Qormi
Hotline: 440396 • Fax: 496330 • Mob: 0947 1517
Home page: http://www.plugnplay.net • E-mail: plygnplay@mail.global.net.mt

OUT WEST

# ARGENTINIAN STEAK HOUSE

IF IT AIN'T ALBERTA, IT AIN'T BEEF



BAY STREET



PACEVILLE



BUGIBBA

## NOW OPEN IN BAY STREET

S1, Level 2, Bay Street, Hotel Complex
St. Georges Bay, St. Julians
Tel': 37922050 / 4 • Fax: 37922055

Empire Cinema Complex
Pioneer Road Bugibba
Tel: 580666 / 7 • Fax: 580691

Paceville Avenue
Paceville
Tel: 385663 / 4 • Fax: 385495

# IL-KAZ: IL- QTIL TA' LOUIS GALEA

fid-9 ta' Jannar tas-sena l-oħra li, għal ħabta ta' l-10.30 ta' filgħodu, il-Pulizija kienu nfurmati li ġo bir f'Wied il-Għasri, 'il ġewwa mix-Xwjeni f'Marsalforn, kien instab persuna li fiċ-ċirkostanzi li kien fihom, instab li kien fi stat avvanzat ta' dikompożizzjoni u għaldaqstant l-identifikazzjoni tiegħu ma kenitx ċara.

L-investigazzjoni hawnhekk ħadet xejra oħra. Ġew maħtura diversi esperti u bdew l-investigazzjonijiet fuq ix-xena tad-delitt. Il-Maġistrat Paul Coppini ħatar diversi esperti, fosthom tal-fotografija, tal-marki tas-swaba', esperti fix-xena tad-delitt, lid-Direttur tal-Laboratorju tal-Forensika tal-Pulizija Dr. Anthony Abela Medici, l-espert fil-Forensika Medika, Dr. Mario Scerri, il-Patoloġisti li mexxew l-awtopsja fosthom Dr. Bridgette Ellul, Dr. Michael Refalo u Dr. Rolovan Namecik, l-espert tad-Dentistrija Dr. Hector Galea, l-espert ballistiku tal-Pulizija kif ukoll lil Brigadier Maurice Calleja.

Saru tfittxijiet fil-viċinanzi ta' dan il-post bl-iskop li jinstabu xi traċċi ta' evidenza pero' r-riżultat kien wieħed negattiv. Saret tfittxija wkoll fil-bir, liema tfittxija kienet waħda ntensiva u li ħadet fit-tul peress li fil-bir fejn instab il-katavru kien mimli b'ħafna ilma, tajn u diversi materjal ieħor.

Kienet diffiċli għal Esperti u l-Pulizija biex ma jkissrux il-katavru huma u joħorġuh minn ġewwa l-ħorġa tal-bir. Fil-fatt jirriżulta li xi partijiet mill-ġisem inkissru iżda l-Uffiċjali tal-Pulizija ħadu ħsieb biex kemm jista' jkun, ikun preservat il-katavru. Minħabba f'hekk kienet anke nfetħet parti mill-ħorża tal-bir. Kien f' dak il-ħin li madwar l-istess ħorża nstabu traċċi li dehru li kienu traċċi ta' dmija.

It-tfittxija fil-bir kienet damet tlett ġimgħat biex seta' tneħħa l-ilma kollu u letteralment kien mgħarbel kull oġġett li kien hemm fil-bir bl-għarbiel. Wara, kull oġġett kien ikun maħsul. Din l-operazzjoni kienet tat il-frott tagħha għaliex wara dan l-eżerċizzju nstabet evidenza li tefgħet aktar dawl fuq il-każ.

Sussegwentament saret l-awtopsja fuq il-katavru fejn kien ġie stabbilit, mill-ħwejjeġ li kien liebes il-katavru u minn affarijiet oħra fosthom l-arloġġ u ċ-ċwievet, li dawn kienu jappartjenu lil persuna ta' Louis Galea, liema ħwejjeġ il-familjari tiegħu jgħidu li hu kien liebes f'dik l-aħħar ġurnata li kien deher. Il-familjari għarfu wkoll l-arloġġ waqt li ċ-ċwievet li nstabu fuqu tqabblu mas-serratura tal-van tiegħu, ma' l-ignition, kif ukoll ma xi serraturi u katnazzi oħra li kien hemm fid-dar ta' Galea u li kien jieħu ħsiebhom hu.

Minn investigazzjonijiet aktar fid-dettal mill-Esperti Forensiċi, kien skopert li Louis Galea kien miet permezz ta' żewġ tiri ta' arma ta' nar fid-direzzjoni tal-warrani ta' rasu. Il-pulizija jaħsbu li l-arma wżata kienet arma tan-nar awtomatika.

Fil-bir fejn instab il-katavru nstabu erba' skrataċċ ta' l-istess kalibru, għalkemm dawn jidhru li setgħu kienu sparati, mhux minn l-istess arma tan-nar.

F'dan il-kors ta' l-investigazzjoni kien hemm żvilupp interessanti fejn f'waħda mit-tfittxijiet li kienu saru f'ħanut tax-xorb sitwat f'Marsalforn, ġewwa vacum cleaner kien instab skartoċċ ieħor ta' l-istess kalibru u li kien simili għal wieħed mill-iskrataċċ misjuba fil-bir fejn kien instab il-katavru ta' Louis Galea.

B'riżultat ta' din l-iskoperta kienet ġiet arrestata l-persuna li kienet tieħu ħsieb dan il-bar. Din kien ġiet investigata b'mod estensiv pero' dan baqa' jiċħad li kellu xi konnessjoni mad-delitt.

Il-ħanut fejn instab l-iskartoċċ hu mmexxi u lliċenzjat f'isem wieħed mill-aħwa tal-vittma. Dan l-iskartoċċ, ħuh jgħid li kien mogħti lilu minn terza persuna li kien tajhulu xi żmien qabel. Hu kien żied li dan l-iskartoċċ ma kienx ta kasu aktar u ma kienx jaf x'sar minnu. Sid il-ħanut kompla li meta dan kien ingħata lilu, hu kien għamlu fuq waħda mill-ixkafef tal-vetrina tal-ħanut bħala ornament. Żied li dan seta ngħabar mill-vacum cleaner meta kien qed inaddaf xi darba dan il-ħanut.

Fl-istess żmien il-pulizija tkellmet ukoll mat-terza persuna msemmija minn sid il-ħanut li, allegatament kien intqal li kien tah dan l-iskartoċċ, pero' t-terza persuna kategorikament ċaħad din l-allegazzjoni li qatt ta xi skartoċċ ta' dan it-tip lil sid dan il-ħanut.

Episodju ieħor interessanti kien fiż-żmien li fih Louis Galea kien għadu ma nstabx. Sar magħruf li xi membri tal-familja tal-persuna nkwistjoni kienu avviċinaw xi persuni li skond huma, dawn setgħu jgħinuhom u jindikawlhom fejn jistgħu isibu lil ħuhom.

Kien hemm teorija li dan seta ħarab mill-pajjiż pero' kien hemm oħra fejn kienu jgħidu li dan kien qiegħed x'imkien fejn hemm l-ilma. Fil-fatt huma kienu għamlu xi tfittxijiet u anke waslu biex ġabu pjanta tal-bjar li hemm f'Għawdex biex ikunu jistgħu jfittxu fihom.

Dawu dan kien wasal għal konklużjoni li ħuhom kien waqa' f'xi bir. Il-Pulizija f'xi żmien kienet tkellmet ma' dan is-saħħar ukoll.

Kif diġa ngħad, wara li Louis Galea kien rappurtat nieqes, il-van tal-familja kien instab ipparkjat wara l-bieb tar-residenza tiegħu. Mill investigazzjonijiet jirriżulta li Galea kien ħareġ fis-6.00 ta' filgħaxija u telaq bil-van tiegħu. Jirriżulta wkoll, skond bintu, li missierha kien irritorna d-dar għal ħabta ta' l-10.00 ta' bilejl u dan hi tgħidu għax kienet għarfet leħnu. Pero' tgħid ukoll li miegħu kien hemm xi ħadd ieħor. Tgħid ukoll li l-istess missierha ma damx wisq id-dar u ħareġ il-barra ma' din il-persuna. Fl-aħħar kienet semgħet bħal mutur jistartja u jitlaq.

(Verbat mix-xhieda tat-tifla)
Il-kamra tiegħi għanda tieqa għal barra u jien f'xi ħin li qed ngħid kien, bejn l-10.30 u l-11.00 ta' bilejl, smajt il-ħoss tal-van ta' missieri qiegħed ikun ipparkjat quddiem id-dar. Smajt il-bieba tal-van ta' missieri tinfetaħ u nnutajt li nfetħet u ingħalqet dik il-bieba biss.

Imbagħad smajt lil missieri jidħol fil-garage u jitkellem ma' xi ħadd. Jidher li missieri kien qiegħed jitkellem ma' xi raġel peress li l-vuċi li smajt kienet tidher li hi ta' raġel. Dawn ma damux jitkellmu bejniethom. Ma naħsibx li damu aktar minn 3 minuti.

Mistoqsija jekk dawn kenux qed jiġġieldu bejniethom jien ngħid li pjuttost kienu qed jiċċajtaw u kienu qed jitkellmu b'ton normali. Imbagħad naf li smajt il-bieb tal-garage jingħalaq u magna ta' mutur tistartja, u jidher li dan il-mutur telaq minn fuq il-post.

Smajt ukoll il-van ta' missieri jitlaq minn fuq il-post. Missieri u l-persuna l-oħra kienu qed jitkellmu bil-Malti. Sa x'ħin jiena dħalt fis-sodda norqod, għal ħabta tas-1.30 ta' filgħodu, il-van ta' missieri ma kienx għadu rritorna d-dar

*ikompli f'paġna 22*

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

# DRUG SQUAD

## Help the Police Fight Drug Abuse

*If you have any information phone:*

# 243333

**You can leave your message on our 24 hour service-phone keeping your self anonymous. All information is treated confidentially.**

# IL-KAZ: IL- QTIL TA' LOUIS GALEA

għaliex ma smajt xejn aktar.

Informazzjoni oħra siewja kienet dik li ngħatat minn mart il-mejjet. Angela tgħid li hi u r-raġel tagħha Louis kienu marru jisimgħu Quddiesa dakinhar u wara l-Quddiesa kienu waslu d-dar għal xi s-6.00 ta' filgħaxija. Għal xi ħin hu qagħad jilgħab mat-tifla ż-żgħira tagħhom, kif ukoll qagħad jirrakonta dwar il-film li fih hu kien qed jaħdem. Wara hu ħareġ għax kellu xi qadja x'jagħmel. Kellu jmur fejn Tiġrija Palazz biex ikellem lil wieħed li fil-fatt kien sid dan il-post.

Hi tgħid li ma tafx kemm dam hemmhekk pero' tgħid ukoll li hu kien irritorna d-dar għal ħabta tas-7.15 jew is-7.30 ta' filgħaxja. Qalet ukoll li meta kienet id-dar, kien qalilha li hu kien sejjer sa Pjazza San Franġisk jew sa l-Astra biex jara jsibx lil xi ħadd ħalli jmur jgħinu jħott il-van minn żewġ kaxxi tal-logħob li kien fih.

Għalhekk meta martu tgħid li f'dik il-lejla hu kien ħareġ għal ħabta tas-7.30 ta' filgħaxija, wieħed seta' jifhem li dan, wara dik il-biċċa xogħol li kellu jagħmel rigward il-kaxxi tal-logħob, seta' mar għal xi ħin fil-ħanut ta' ħuh.

Meta l-pulizija pero' kellmet lil ħu Louis dwar jekk l-imsemmi kienx mar ħdejħ, hu kien qal li ma kienx rah fil-ħanut tiegħu. Kien żied li l-aħħar li kien rah kien fil-ġurnata tat-18 ta' Novembru, jiġifieri ġurnata qabel Louis kien osservat nieqes.

(Verbat tal-mara tal-mejjet, Angela)
Ir-raġel naf li ġie fit-tard id-dar u daħal fil-garage ma' xi ħadd ieħor pero' dan nafu mingħand it-tifla tiegħi Pauline u mhux għax smajtu jiena. Li naf hu li jien la smajt ir-raġel tiegħi u wisq anqas il-van tiegħu. Jien u t-tifla dħalna fis-sodda għal ħabta tal-11.00 jew il-11.30 ta' bilejl u domna mqajmin sa xi s-1.30 ta' filgħodu. Sa dak il-ħin, jien la smajt lir-raġel tiegħi dieħel u wisq anqas il-van tiegħu jasal wara l-bieb. Filgħodu qomt f'xi s-6.00 u nnutajt li r-raġel kien għadu ma rritornax id-dar. Ħriġt nittawwal barra u sibt li l-van kien wara l-bieb.

Il-pulizija hawnhekk tqies li f'din il-fażi jeżisti speċi ta' misteru. Issemmew diversi teoriji ta' x'seta ġara. Kien hemm min qal li l-van ġabu hu, jiġifieri l-vittma, u reġa telaq ma' xi ħadd minn fuq il-post. Sadattant pero' kien stabbilit li, mill-pożizzjoni li kien instab ipparkjat il-van, kif ukoll mill-mod kif kien imtella l-handbrake, dawn ma kenux kif ġeneralment iħallihom Louis.

Teorija oħra kienet li l-van seta' ġabulu xi ħadd wara l-bieb, waqt li teorija oħra tiddeskrivi li hekk kif wasal ħdejn id-dar, Louis kien imġiegħel biex jitlaq ma' xi ħadd minn fuq il-post. Ta' interess wieħed jinnota li ċ-ċwievet tal-van, ma kenux instabu fil-van, iżda fil-but tal-jeans tal-katavru ta' Louis Galea.

Iż-żona fejn hu sitwat il-bir hi żona remota ħafna u diffiċli biex wieħed jidħol għalija bil-karrozza. Dan ikompli jikkonferma li min tefa' lil Louis Galea hemm, il-post kien jafu sewwa.

Ifisser ukoll li l-persuna setgħet inqatlet x'imkien ieħor u ġiet mixħuta fil-bir, kif ġew mixħuta wkoll l-iskrataċċ, waqt li jista' jkun ukoll li l-persuna nqatlet qabel ma hi ntefgħet fil-bir, minħabba fid-demm li nstab.

Il-ħorża tal-bir kellha daqs ta' madwar żewġ piedi b'żewġ piedi u l-forma tal-bir minn ġewwa hi forma ta' qanpiena, jiġifieri jiftaħ fil-wisa' fuq in-naħa t'isfel u hu kkalkulat li hu ta' kobor mhux aktar minn 12-il pied kwadru.

Hawnhekk ta' min jinnota li waqt li kienu qed isiru l-investigazzjonijiet fil-post fejn instab il-katavru, fuq il-post kienu marru diversi nies. Dawn kienu ttieħdu ritratti tagħhom, ġew iddentifikati kollha u kienu nterrogati mill-Pulizija biex ikun stabbilit jekk uħud minn dawn kellhomx xi konnessjoni ma' dan Galea jew le.

Il-Pulizija kienet saret taf bis-sejba ta' Louis Galea minn Qassis li waslitlu informazzjoni kunfidenzjali minn persuna li ma xtaqx juri ismu lil Pulizija. Din l-informazzjoni kienet għaddiet lis-Supretendent t'Għawdex Pawlu Sammut li wara li vverifika din l-informazzjoni, ġiet ikkonfermata li kien hemm katavru fil-bir imsemmi.

Tajjeb wieħed jgħid li dan il-Qassis ma kienx l-istess wieħed li kien imsemmi fil-gazzetti, li kien qal li Louis Galea, dakinhar filgħaxija li kien ġie nieqes, wara l-Quddiesa kien qallu li dakinhar kien sejjer jaqla' somma flus mingħand xi ħadd f'dik il-lejla u li kien se jsir sinjur.

Min ta l-informazzjoni lis-Saċerdot dwar is-sejba tal-katavru kien jidher li hu ġenwin. Jidher li l-persuna kien għaddej minn dawk l-inħawi. Kien xamm riħa ħierġa minn dak il-bir u wara li ttawwal, sab li kien hemm katavru ta' persuna mejta. Għaldaqstant, peress li ma xtaqx jidher mal-Pulizija, hu kien ta l-informazzjoni lil Qassis. Il-pulizija fil-fatt taf min hi din il-persuna wkoll.

Minn aktar investigazzjonijiet li saru, il-Pulizija rnexxielha tibni b'mod komplut, il-ħin kollu ta' fejn kien Louis Galea f'dik il-lejla traġika. Jirriżulta li fis-6.20 ta' filgħaxija Galea kien qiegħed f'Tiġrija Palazz fejn hemmhekk ukoll kellu xi kaxxi tal-logħob. Fit-7.50pm kien qiegħed ħdejn it-Teatru Astra fejn kienu rawh xi persuni. Imbagħad mar id-dar biex fit-8.30pm reġa kien qiegħed l-Astra fejn reġgħu ikkonfermaw xi persuni li rawh fuq il-post.

Fid-9.20pm kien il-Victoria Hotspurs Football Club waqt li fl-10.30pm reġa' kien id-dar tiegħu, eżatt kif kienet ikkonfermat bintu. Fil-10.45pm kien hemm persuna li qalet li rat il-van tiegħu sejjer minn Marsalforn għar-Rabat waqt li fil-11.30pm kien hemm oħrajn li qalu li kienu rawh miexi minn Pjazza San Franġisk, Victoria lejn in-naħa tas-Seminarju fir-Rabat.

Dan hu wieħed mill-każijiet l-aktar makabri u mhux solvuti li għandha f'idejha l-Pulizija. Każ ikrah fejn il-familjari tal-vittma, fosthom martu u wliedu, għadhom sal-ġurnata tal-lum jistennew li jsir ħaqq mal-persuna jew persuni li wettqu dan id-delitt. Qed nitkellmu fuq persuna li nqatel fl-aqwa ta' ħajtu, meta kien għad kellu 41 sena. Ħalla warajh erbat itfal għadhom żgħar.

L-investigazzjonijiet għadhom miftuħin u l-appell tagħna hu li jekk hemm xi persuni li forsi l-Pulizija għada ma kellmithomx u forsi jafu xi ħaġa li b'dak li jgħidu jistgħu jitfgħu dawl fuq dan il-każ, dawn illum jistgħu jċemplu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fuq 221111 u jistgħu jżommu ruħhom anonimi. Kull informazzjoni tkun mistħarrġa bir-reqqa kollha.

Il-persuna jew persuni responsabbli għal dan id-delitt, jekk jinqabdu, jitressqu l-Qorti u sussegwentament jinstabu ħatja, jkunu suġġetti għal piena ta' għomor il-ħabs.

Dan il-każ għadu qed ikun investigat mill-Assistent Kummissarju John Rizzo flimkien ma' l-Ispettur Antonello Grech.

# KOTBA LI JINSABU GĦALL-BEJGĦ

| | |
|---|---|
| L-Istorja tal-Pulizija ta' Malta 1814 - 1956 *paper back* | *Lm3.00* |
| L-Istorja tal-Pulizija ta' Malta 1814 - 1956 *hard back* | *Lm5.00* |
| *L-Istorja Sportiva tal-Pulizija* | *Lm3.00* |
| *Appelli Kriminali* | *Lm2.00* |
| *Il-Ħabs* | *Lm3.00* |
| *F'Ġieh il-Ħaqq Bk II* | *Lm1.50* |



***Il-kotba jistgħu jinxtraw mingħand il-***

***"Community and Media Relations Unit"***

***mit-Tnejn sas-Sibt***

***mill-General Headquarters, Floriana***






Phone Book
Call
Party
EXPORT
CISK
PREMIUM
LAGER BEER
CISK EXPORT
PARTY ON...

## SALVO GRIMA
*Ship Supplies*

- Deck and Engine Stores
- Large variety of food items
- Bonded stores and crew items
- Cabin and medical stores
- Storage of spare parts
- Refrigeration facilities
- Spare Parts

SALVO GRIMA & SONS LTD
12, Barriera Wharf, Valletta VLT 01, Malta  T (356) 240960 - 5  F (356) 230415
e-mail: info@marine.salvogrima.com.mt  website: www. salvogrima.com

## SALVO GRIMA
*Freeport Warehousing*
*International Freight Forwarding*



- Extensive Warehouse Facilities
- Consolidation of Cargo from different ports
- International/Distribution to all destinations
- Storage of cargo and equipment relabelling and peracking
- Capabilities
- Break bulk operations
- Minor assembly and repairs
- Refrigeration facilities
- 2000 sq metres of covered storage
- 3000 sq metres of open storage

SALVO GRIMA (FREEPORT OPERATIONS) LTD
193/9, St Patrick's Court, St Philip Street, B'Bugia BBG 03, Malta
T (356) 659532  657166  F (356) 653020
e-mail: info@freeport.salvogrima.com.mt  website: www. salvogrima.com



## SALVO GRIMA
*International Trading*

The company has access to suppliers world-wide and has established several strategic alliances with reputable partners in Europe, North America, and the Far East.

Its motto being "No Order is Too Small", SG Trading Ltd's clients include small business organisations and large multinational corporatins alike.



- Non-alcoholic beverages
- Soft drinks
- Cigarettes
- Toiletries
- Shampoos
- Skincare Products
- Bathlines
- Coffee Products
- Chocolates
- Satellite Equipment
- White Goods
- Hallal Food and other food items

SG TRADING LTD
Msida Circus, Msida MSD 04, Malta  T (356) 341581 - 4  F (356) 341575
e-mail: info@sgmlt.com  website: www. salvogrima.com




## SALVO GRIMA
*Duty Free Services*

- Duty-free supplier at Port Terminal
- Extensive selection of duty-free goods
- Order service
- Free 24-hour delivery
- Vast storage Facilities

SALVO GRIMA DUTY FREE SERVICES LTD
34, Pinto Wharf, Valletta, VLT 01, Malta  T (356) 245867/8/9, 240838  F (356) 249248
e-mail: info@dutyfree.salvogrima.com.mt  website: www. salvogrima.com

# F'EGĦLUQ IL-ĦAMSIN SENA

## *tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali*

**Mis-Supretendent A. Casha B.A. (Leg. & Humansr.), Dip. N. P.**

Għal dawn l-aħħar tlettax-il sena l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, ffurmat parti ntegrali mill-korp tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-4 ta' Novembru 1950 (proprju ħamsin (50) sena ilu llum u għalhekk l-okkażjoni ta' dan il-forum) din il-Konvenzjoni ġiet miftuħa għall-firem ta' l-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Biex inkompli ftit fuq id-dati, din l-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1953 u Malta, bħala Stat Sovran, irratifkat din il-Konvenzjoni fit-23 ta'Jannar, 1967.

Għoxrin sena wara, fl-1987, bis-saħħa ta' l-Att XIV ta' dik is-sena, id-drittijiet msemmija fil-Konvenzjoni saru esegwibbli bħala parti mil-Liġi ta' Malta - fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti ma' dawn id-drittijiet, id-drittijiet imsemmija fil-Konvenzjoni għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.[1] Iżjed minn hekk, din il-Konvenzjoni daħħlet fis-seħħ id-dritt ta' petizzjoni individwali lil makkinarju ta' Strasbourg.

Il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem hija kkunsidrata bħala l-isbaħ ġojjell fil-kuruna tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Stati membri ġodda huma obbligati jiffirmawha appena jsiru membri, u jirratifkawha fi żmien sena.

Wieħed jista' igħid li l-predeċċesur dirett ta' din il-Konvenzjoni hi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948. Fl-istorja tal-bnedmin insibu preċedenti mportanti oħra bħall-Magna Carta fl-Ingilterra (1215); id-Dikjarazzjoni ta' l-Indipendenza ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (1776) u d-Dikjarazzjoni Franċiża dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ċ-Ċittadin (1789). Għallkemm illum 'il ġurnata meqjusa inadegwati, dawn id-dokumenti huma kkunsidrati bħala stadji importanti fit-triq twila lejn it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem b'mod sħiħ u ugwali għal kulħadd.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni hija l-ewwel impenn tal-Komunita' Intenazzjonali sabiex tipproteġi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma ċittadini ta' Stat Sovran. Dan qabel ma kienx possibbli, peress li taħt l-liġi internazzjonali sa dak iż-żmien, kull Stat Sovran seta' jitratta ċ-ċittadini tiegħu kif jidhirlu hu, mingħajr ħadd ma jindaħallu.

Il-Konvenzjoni Ewropeja stess tiddikjara li tirrapreżenta l-ewwel infurzar kollettiv ta' xi uħud minn dawk id-drittijiet imsemmija fid-Dikjarazzjoni Universali tal-1948. L-Istati membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa obbligaw lilhom infushom li jiggarantixxu lil kull persuna taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom numru ta' drittijiet ċivili, politiċi u libertajiet elenkati fil-Konvenzjoni.

Protokolli suċċessivi, estendew l-elenku oriġinali ta' drittijiet, filwaqt li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonsolidat u żviluppat dawn id-drittijiet. Dan juri il-proċess dinamiku w evoluttiv tas-sistema maħluqa bil-Konvenzjoni Ewropeja.

Kważi l-Istati membri kollha tal-Kunsill ta' l-Ewropa inkorporaw il-Konvenzjoni fil-qafas tal-liġijiet domestiċi tagħhom. B'hekk il-ġudikatura ta' kull pajjiż setgħet, b'mod aktar seren, tieħu inkonsiderazzjoni l-proċedimenti tal-Konvenzjoni u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem meta tiddeċiedi xi każ.

Hekk kif jiġu eżawriti r-rimedji lokali kollha, l-individwu għandu dritt li jagħmel petizzjoni għal rimedju quddiem il-Qorti Ewropeja fi Strasbourg, Franza. Dan il-makkinarju ta' Strasbourg m'għandux ikun meqjus bħala sostitut għal-Qrati lokali, iżda biss bħala wieħed komplimentarju li jsaħħaħ aktar d-dritt ta' l-individwu fil-konfront ta' I-Istat.

L-effett ta' din il-Konvenzjoni f'dawn l-aħħar ħamsin sena fil-pajjiżi membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa kien wieħed vast u profond u wassal ukoll biex, bl-interpretazzjoni sostantiva tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, inbidlu xi ligijiet u proċeduri mhaddma fil-pajjiżi membri li kienu nkonsistenti mad-drittijiet imħarsa fil-Konvenzjoni.

Per eżempju, fir-Renju Unit ġie abolit il-corporal punishment fl-iskejjel tal-Gvern; l-Awstrija emendat b'mod sostanzjali l-kodiċi tal-proċedura kriminali, kif ukoll il-mod kif jiġu trattati priġunieri fl-isptarijiet, u s-sistema ta' għajnuna legali; l-Isvezja emendat il-liġi tagħha dwar it-tagħlim obbligatorju tar-reliġjon; u l-Olanda emednat il-liġi tagħha dwar id-detenzjoni ta' pazjenti b'mard mentali.

Is-sistema ġuridikata Maltija ukoll ħasset dan l-effett. Wieħed biżżejjed isemmi il-każijiet riċenti ta' Aquilina u T.W. dwar il-proċedura użata fl-għoti tal-liberta proviżorja f'ċertu każijiet. In fatti fl-emendi għall-Kodiċi Kriminali hemm il-ħsieb li jsiru xi tibdiliet opportuni biex il-liġi tagħna fil-kamp penali tiġi aktar konformi mal-Konvenzjoni Ewropeja.

Il-maġġor parti tad-drittijiet fundamentali li wieħed isib fil-Konvenzjoni Ewropeja jsibhom imnaqqxin ukoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta taħt xi forma jew oħra. Jidher li hemm xi differenzi - iżda dawn id-differenzi huma aktar apparenti fil-forma milli fis-sustanza.

Wieħed mid-drittijiet li nsibu fil-Kostituzzjoni, l-artikolu 39, jitratta dwar disposiżżjonijiet biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-liġi lill-individwu. Dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni jikkorrespondi bejn wieħed u ieħor ma' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. F'dawn iż-żewġ artikoli wieħed isib disposizzjonijiet dwar smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa bil-liġi. Dritt kardinali ieħor imsemmi f'dawn l-artikoli hu li "Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li hu innoċenti sakemm jiġi ppruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati."

Wieħed isib ukoll kriterji minimi li kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jkollu, fosthom li għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali.

Kif probbabli smajtu, l-emendi għall-Kodiċi Kriminali se jinkludu dan id-dritt ta' l-individwu anke waqt il-perjodu ta' l-arrest. Dan għall-pulizija ġab miegħu ċertu apprensjoni. Pero' wieħed irid jara l-introduzzjoni ta' dan id-dritt flimkien ma' emendi oħra imħabbra fil-liġi, bħal dik tar-*Rule of Inference*. F'dawn iż-żewġ kelmiet xtaqt naqsam magħhom xi ħsibijiet fuq dan id-dritt għall-avukat waqt il-perjodu ta' l-arrest.

**Dritt għall-assistenza legali waqt l-arrest investigattiv**

Nibda biex ngħid li d-dritt għall-assistenza legali matul il-perjodu ta' l-arrest investigattiv ilu jeżisti f'numru konsiderevoli ta' pajjiżi u Malta ma setgħetx tkompli ġġebbed u ttawwal biex dan id-dritt ma jidħolx ukoll fis-sistema ġuridika penali tagħna.

Infatti, sa mill-1992 *il-Kummissjoni Ewropeja dwar il-Prevenzjoni mit-Tortura* (CPT) f'rapport[2] li għamlet wara żjara f'pajjiżna bejn l-1 u id-9 ta' Lulju 1990, kienet irrakkomandat lill-awtoritajiet Maltin li, b'effett immedjat, persuni miżmuma taħt il-kustodja tal-Pulizija jkollhom id-dritt li ta' l-anqas jikkomunikaw bit-telefon ma' avukat, kif ukoll sabiex jiġu identifkati dawk iċ-ċirkostanzi fejn dan id-dritt seta' jiġi temporanjament miċħud.

Id-delegazzjoni tac-CPT qalet li ma kienx aċċettabbli li persuna kienet qed tiġi miċħuda mid-dritt ta' assistenza legali għal 48 siegħa sħaħ; fakkret ukoll li d-dritt ta' assistenza legali lil persuna waqt il-perjodu ta' l-arrest kien mod ta' protezzjoni kontra l-moħqrija jew trattament ħażin.

Issa tgħiduli li skond il-liġi dan id-dritt ta' assistenza legali jeżisti biss minn dak il-mument li persuna tkun akkużata b'reat kriminali. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'numru ta' deċiżjoniet bħal *Huber Case* (1975), De Weer Case (1980) u l-Erkle Case (1987) irriteniet illi l-Qorti tippreferi kunċett u interpretazzjoni aktar sostanttiva milli formalistika ta' "persuna akkużata".

Il-Qrati tagħna jidher li jaqblu ma' din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kelma 'akkużat' li l-mument minn meta jidħlu fis-seħħ ċertu drittijiet fundamentali li hemm fil-Kostitutzzjoni u l - Konvenzjoni għal smiegħ xieraq u ġust jista' jkun qabel ma persuna titressaq formalment il-Qorti - jiġifieri meta ċ-ċittadin jirrejalizza illi s-suspett fir-rigward tiegħu kien qed ikun sostenut b'mod li jista' jwassal għall-akkuża fir-rigward tiegħu. [3]

Pero' dan mhux kriterju ċar biżżejjed. U għalhekk il-Qorti Kostituzzjonali f'appell minn din id-deċiżjoni qalet li għanda tiġi preċiżata l-linja, li meta tinqabeż, dik il-persuna, minn dak il-mument, għandha titqies li hija assoġġettata għall-proċeduri Kriminali u, li minn dak il-mument, għandu jkollha l-garanziji li tikkontempla l-Kostituzzjoni.

Għalhekk xi elementi essenzjali għal smiegħ xieraq u ġust għal persuna akkużata b'reat kriminali - bħal dak ta' assistenza minn avukat ta' l-għażla tiegħu - ġew estiżi għall-perjodu ta' qabel ma persuna tiġi formalment mimlija quddiem tribunal indipendenti w imparzjali, mwaqqaf b'liġi. Specjalment u b'mod partikolari f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn in-nuqqas ta' dan id-dritt fl-istadju inizjali ta' l-investigazzjoni jistgħu jkollhom riperkussjonijiet fl-intier tal-proċeduri kontra l-akkużat.[4] (Imbrioscia vs Switzerland (1993)).

F'dawn iċ-ċirkostanzi il-kunċett, anzi d-dritt, għal smiegħ xieraq u ġust li nsibu fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, normalment jirrikjedi, illi l-akkużat sa mill-bidu ta' l-interrogazzjoni tal-pulizija jingħata l-benefiċċju li jikkonsulta ma' avukat, nonostante li dan id-dritt (ta' avukat waqt l-investigazzjoni tal-pulizija) mhux espressament miktub fil-Konvenzjoni Ewropeja u lanqas fil-Kostituzjoni tagħna.

Jista' jkun hemm restrizzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dan id-dritt għal raġunijiet tajba - sakemm dawn ikunu in konformi mal-liġi, indirizzati lejn għan leġittimu u li dawn il-limitazzjonijiet ikunu mhux iżjed minn dak meħtieġ biex jinkiseb dak il-għan leġittimu.[5]

Sabiex jiġi determinat jekk l-akkużat ġiex imċaħħad minn smiegħ xieraq u ġust, dawn il-limitazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-proċess kollu kontra l-akkużat. Pero' din n-negazzjoni ta' dritt għall-avukat ma tistax tkun assoluta - tista' tiġi ristretta, iżda mhux mċaħħda għal kollox, specjalment fil-każijiet fejn dak li jgħid, jew li ma jgħidx l-arrestat, jista' jkollu konsegwenzi ulterjuri fid-difiża tiegħu. (Murray vs United Kingdom (1996)

Wieħed għad irid jara ukoll kif il-Qorti Kostituzzjonali tagħna se tikkonsidra dan kollu fid-dawl ta' drittijiet speċifiċi kemm fil-Kostituzzjoni w anke fil-Kodiċi Kriminali bħall-presunzjoni ta' l-innoċenza u d-dritt li persuna ma tinkrimina lilha nifisha fi proċeduri għar-reat kriminali.

Nemmen li għandu jinstab bilanċ bejn id-drittijiet ta' l-individwu li jkun suġġett għal proċeduri kriminali kontra tiegħu, u d-dritt tas-soċjeta' li tipproteġi lilha nfisha kontra atti kriminużi li jkunu ta' detriment għas-soċjeta' kollha.

Fl-opinjoni umli tiegħi, meta persuna arrestata mill-pulizija tagħżel, wara li tkun ikkonsultat mal-avukat tagħha, li teżerċita d-dritt għas-silenzju, jkun leġittimu għall-gudikant li jasal għal dawk il-konkluzjonjiet li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi, speċjalment meta dawk iċ-ċirkustanzi jkunu korroborati b'fatti oħra li l-akkużat ma jagħtix kont tagħhom.

Fis-sistema tagħna, l-imputat m'huwiex obligat illi jixhed, anzi għandu d-dritt ta' skiet. L-unika riserva illi hemm fil-liġi tagħna s'issa, hi li s-skiet tiegħu ma jistax jsir monopolju minnu mill-Prosekuzzjoni.

Pero' dan ma jimpedix lill-Qorti tikkumenta fuq in-nuqqas ta' deposizzjoni da parti ta' l-imputat f'ċertu ċirkostanzi fejn kontra l-imputat jkun

C O L O U R   Q U A D   S Y S T E M




# COLOUR QUAD PROVIDES...

## THAT EXTRA PAIR OF EYES

- Sharp colour monitoring for better identification
- Quad function permits individual observation of up to four locations
- Affordable and complete, compact and sturdy - ideal for a wide range of applications
- Brings CCTV colour quad within reach of smaller organisations

SE

STRAND ELECTRONICS LTD
MULTI-TECH CENTRE,
REGIONAL ROAD (OFF VALLEY RD), MSIDA.
TEL:483819. FAX:483820.
www.strandelectronics.com

**PHILIPS**
*Let's make things better.*

diġa' akkwiżit indizju qawwi ta' prova.

L-oneru tal-prova ma jiġix neċessarjament spustat fuq l-imputat, anzi jista' jingħad illi f'każijiet rarssimi biss hemm dan l-ispustament ta' l-oneru tal-prova. Pero is-skiet ta' l-imputat f'ħafna ċirkostanzi, jista' jservi biex il-Qorti tkun sprovista minn dik l-ispjegazzjoni li talvolta tkun assolutament neċessarja biex il-versjoni ta' l-imputat tkun tista' b'xi mod issib konfort. (il-Pulizija vs. Mark Aquilina et - Qorti ta' l-Appell Kriminali - 1993)

**Kif se jiġi applikat dan id-dritt?**
Il-Pulizija f'Malta trid taċċetta l-fatt li llum jew għada d-dritt għal avukat waqt il-perjodu investigattiv irid jidħol fis-sistema penali tagħna.

In fatti dan id-dritt jeżisti fid-diversi Stati Membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Uħud minnhom għażlu li jagħtu dan id-dritt ta' l-avukat għal waqt il-perjodu kollu ta' l-interrogazzjoni; oħrajn għażlu li dan id-dritt jidhol fis-seħħ wara ċertu numru ta' sigħat. L-importanti hu li meta wieħed jeżamina l-proċess kriminali fil-konfront ta' l-individwu, dan ikun ingħata smiegħ xieraq sa mill-bidu ta' l-investigazzjoni tal-Pulizija kontra tiegħu.

Il-Qorti Ewropeja fil-każ *Quaranta* qalet li l-Konvenzjoni Eworpeja *"leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it (the right to legal assistance) is secured in their judicial systems, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requiremems of a fair trail"*. Iżda l-istess Qorti qalet ukoll illi *"the Convention is designed to 'guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective."* (Imbrioscia Case msemmi aktar qabel).

Skond ma ġie rrapurtat fil-ġurnali lokali jidher li d-dritt għall-access ma' avukat se jingħata lil kull persuna li tiġi arrestata mill-Pulizija. Il-persuna arrestata se jkollha d-dritt, li qabel ma tibda l-interrogazzjoni tal-pulizija, jikkonsulta ma' avukat ta' l-għażla tiegħu għal perjodu ta' mhux aktar minn siegħa permezz tat-telefon jew personalment.

Minbarra li se jinħolqu r-responsabilitajiet ġodda għall-pulizija, se jinholqu ukoll responsabilitajiet oħra fuq dawk li jeżerċitaw il-professjoni legali. Faċilment li wieħed jista' jaqa' fl-iżball li, bil-ħsieb li jgħin il-klijent tiegħu, jostakola il-kors tal-investigazzjoni u tal-ġustizzja. Dan m' għandux ikun. Fil-Kodiċi ta' Etika għall-Avukati hemm li:

"Meta avukat jinduna li xi inkarigu jista' jġib miegħu ksur ta' liġi jew tal-Kodiċi ta' l-Etika, huwa ma għandux jaċċettah, jew jekk ikun diġa' aċċettah, għandu jieqaf milli jkompli jespletah, dana dejjem jekk ma jkunx possibbli li l-klijent jimmodifka l-inkarigu biex ma jdaħħalx l-avukat f'xi ksur ta' liġi jew il-Kodiċi ta' l-Etika."[6]

Wieħed irid jeżamina jekk il-konsegwenzi ħal ksur ta' dan ir-regolament humiex biżżejjed biex jiskoraġġixu mġieba li tista' tintralca il-kors tal-ġustizzja.

Marbut ukoll ma' dan id-dritt għall-avukat waqt il-perjodu ta' l-arrest, nittama li l-emendi jipprovdu ukoll għal sistema ta' assistenza legali (legal aid) għal dawk il-persuni barranin jew persuni li ma jkollhomx avukat partikolari. Dan qed ngħidu sabiex fl-ewwelnet id-dritt għall-assistenza legali lill-persuna arrestata jkun wieħed reali w effettiv, it-tieni sabiex ma jinħolqx dewmien żejjed meta l-avukat mitlub mill-arrestat ma jkunx jista' jintlahaq fil-mument rikjest. Il-perjodu massimu ta' l-arrest ma jidhirx li se jiġi mtawwal aktar minn 48 siegħa - għalhekk kull minuta tgħodd - kemm għall-individwu arrestat kif ukoll għall-pulizija.

**Għeluq**
Hemm min jgħid li hemm konflitt bejn iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-infurzar tal-liġi fuq naħa waħda, u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fuq in-naħa l-oħra. Dan l-argument nisimugħ mhux biss minn membri tal-pubbliku li jkunu sfaw vittimi ta' xi reat. Xi membri tal-Korp jistgħu jqisu l-ħarsien u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem bħala xkiel fil-qadi tad-doveri tagħhom.

Iżda, is-sisien tal-ordni pubbliku f'soċjeta' demokratika huma mibnija fuq il-ħarsien ta' l-Istat tad-Dritt (Rule of Law). L-Istat tad-Dritt ma japplikax biss għall-pubbliku, iżda jgħodd ukoll għall-membri tal-Korp tal-Pulizija li huma fdati mill-istess soċjeta' bil-ħarsien u l-infurzar tal-liġi.

Meta l-Pulizija jqisu lilhom infushom il fuq mil-liġi, jew inkella li ma jatgħux każ tal-liġi, inkluż id-drittijiet Fundamentali tal-bniedem, dan eventwalment iwassal sabiex jimmina dik il-fiduċja u r-rispett tas-soċjeta' li huma ndispensabbli biex il-pulizija tkun tista' twettaq, b'mod effiċjenti, il-funzjonijiet tagħha.

Il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri ksur tal-liġi, bi ħsieb ta' l-infurzar tal-liġi, mhuwiex aċċettabbli bħala mod effettiv kif il-pulizija taqdi d-doveri tagħha. Meta l-pulizija jiksru l-liġi sabiex jinfurzawha, mhumiex inaqqsu mill-kriminalita', iżda jkunu qed iżiduha.

Ir-rispett lejn id-dinjita' umana għandu jkun f'moħħna l-ħin kollu b'mod partikolari waqt il-qadi ta' dmirijietna - bħala qawwa u mhux bħala dgħjufija.

Jista' jkun hemm mumenti fejn il-kruha ta' l-offiża magħmula minn persuna jew persuni tkun tant gravi li ġġib l-istmerrija tal-poplu kollu - u hawn fejn tidħol ir-rieda qawwija ta' kontroll fuqna nfusna biex tiġi evitata mġieba mhux xierqa mill-pulizija.

Huma l-Qrati tagħna, u mhux il-pulizija, li għandhom id-dritt li jesiġu l-kastig tal-ħati fil-kamp penali. Ir-rażan taħt provokazzjoni qawwija hija waħda mill-kwalitajiet essenzjali għall-membri tal-Korp tal-Pulizija, li għandhom ikunu kapaċi jżommu l-ogħla standards ta' diċenza fil-qadi ta' dmirijiethom. Dawn l-istandards huma bhal nisga tad-deheb li tgħaddi mill-artikoli kollha tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll tal-Kostituzzjoni tagħna.

Ir-rwol tal-pulizija f'pajjiż demokratiku, jiġifieri t-tħaris u l-infurzar tal-liġi b' rispett u protezzjoni tad-drittijiet Fundamentali tal-bniedem, huwa diffiċli u jesiġi ħafna. Iżda jekk dan ir-rwol jiġi eżerċitat b'mod xieraq u skond il-liġi, dan mhux biss jgħin biex jitjieb is-sens ta' ġustizzja f'pajjiżna, imma jtejjeb ukoll ir-reputazzjoni tal-Korp u r-rispett lejn il-Pulizija.

[1] Artikolu 3, Cap 319.
[2] CPT/Inf (92),5 [EN] - Publication Date: 1 October 1992
[3] il-Pulizija vs Longinn Aquilina, Prim' Awla, Qorti Ċivili (Sede Kost)
[4] Imbrioscia vs Switzerland (1993) il
[5] Ashingdane vs UK 28 May 1985
[6] Reg. 2 Kap III

*Marbuta ma' din l-okkażjoni fuq talba tal-Pulizija, il-Maltacom ħarġet telecard biex tikkommemora dan l-avveniment.*

# PULIZIJA TA' MALTA - KARRIERI
## GĦALIEX DĦALNA FIL-KORP TAL-PULIZIJA?

Żgur li ma kenitx għażla faċli. Dixxiplina f'dak kollu li tagħmel u sens ta' responsabbilta' fl-imġiba ta' kull membru huma l-elementi fundamentali u rikjesti biex tibni karriera fil-Korp tal-Pulizija. Barra minhekk, kull membru tal-Korp għandu l-obbligu li jżomm l-ordni u l-paċi pubblika fil-komunita' u jipproteġi lil kull ċittadin bid-drittijiet umani.



Biex jintlaħaq dan l-għan li għalih dħalna, kull membru jitħejja f'kors għar-rekluti għal rank ta' Kuntistabbli fl-Akkademja tal-Pulizija. Fost is-suġġetti mgħallma fl-akkademja nsibu: l-lingwi, il-liġi, l-istorja tal-Pulizija, l-Investigazzjoni Kriminali, u l-Prosekuzzjoni. Wara li tintemmm il-fażi ta' taħriġ fl-Akkademja, il-membri l-ġodda tal-Pulizija jitqassmu mad-diversi fergħat tal-Korp. Il-kwalifiki minimi ta' ingaġġ kif ukoll il-perjodu ta' taħriġ u l-bżonn li ssir sejħa għall-applikazzjonijiet ivarjaw skond l-esiġenzi tal-Korp. Pero' l-applikant irid ikun:

- għalaq it-tmintax-il sena
- ċittadin Malti
- twil 1.676 metri
- ta' kondotta tajba
- medikament b'saħħtu - fiżikament u mentalment skond l-istandard mediku ta' saħħa fil-Korp tal-Pulizija biex ikun jista' jaqdi d-doveri kollha tal-Pulizija.
- ta' karattru u morali tajjeb.

u jkollu tliet ċertifikati fil-livell ordinarju fosthom wieħed fil-Malti u l-ieħor fl-Ingliż.

Barra minnhekk minn żmien għall-ieħor isiru korsijiet ta' aġġornament għall-membri kollha biex kull membru jkun aġġornat f'dak kollu li jkun sar ġdid u jiffriska dak li jkun għadda minnu.

L-Akkademja tħarreġ ukoll Kadetti fejn il-kandidati li japplikaw iridu jkunu gradwati. Minbarra t-taħriġ fiżiku, drill, taħriġ ta' l-ewwel għajnuna u sparar, kull Kadett irid jagħmel perjodu ta' studju ġewwa l-Universita' ta' Malta fuq suġġetti bħal *Liġi, Kriminoloġija, Etika, Investigazzjoni Kriminali u Prosekuzzjoni,* fost suġġetti oħra.

L-opportunitajiet ta' promozzjoni fil-Korp huma tajbin ħafna, u aktar ma jkollok livell għoli ta' edukazzjoni aktar huma ċ-ċansijiet li tavvanza.

Meta Kuntistabbli jkun ilu tliet snin fil-Korp jista' faċilment jagħmel eżami għal rank ta' Surġent, u la darba jsir Surġent u jkollu ħames suġġetti fil-livell ordinarju fosthom l-Ingliż u l-Malti, jkun jista' japplika u joqgħod għall-kors li jwassluh biex isir Spettur.

Minn hawnhekk 'il quddiem, il-promozzjonijiet isiru skond is-seniority u l-performance ta' kull individwu. Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-uffiċjali l-aktar għolja li preżentament għandu l-Korp kollha bdew ir-rank ta' Kuntistabbli.

CHUBB

*Think Safe*
*Think Chubb*





**For Domestic and Commercial Protection**

*Intruder Alarm Systems*
*Fire Alarms*
*Security Safes*
*Access Control Units*
*Deposit Lockers*
*Data Cabinets*
*Closed Circuit TVs*

PHILIP TOLEDO LIMITED

Notabile Road, Mriehel BKR 01.
Tel: 445566 Fax: 484316
E-mail: info@mail.ptl.com.mt
Visit us at http://www.pti.com.mt

# Berlingo

## THE VAN *that adapts* TO EVERY KIND OF JOB




**1.9 Diesel from Lm5,590**

Standard features include:

Tinted Glass

Power Steering

Immobilizer

***Available in twin sliding doors, closed panel sides or glass panels***





## MAKES LIGHT WORK OF
*every task you set it*

*Imagine what Citroën can do for you*

**MUSCATS MOTORS LTD.** Rue D'Argens, Gzira. Tel: 320091/ 2, 330041 • **Arkadia Motors,** Victoria, Gozo. Tel: 558333

**CITROËN**

# CASE OMBUDSMAN NOTES

Case No. 2586

**COMMISSIONER OF POLICE**

*REFUND OF TOWING CONTRAVENTION FINE*

A person claimed that his car had been unjustly towed away by the Police when it was parked under a Bus Stop which was not in the normal bus route, and therefore, was not yet in use. After obtaining confirmation in writing from the Local Council concerned that the bus stop was not in use, complainant wrote to the Police demanding a refund of the LM45 he paid to retrieve his car. This was refused, and it was suggested to him that if he had any objection, he should consult a lawyer with a view to seeking redress in court.

From the Ombudsman's investigation it resulted that the Local Council of the locality concerned and the Public Transport Authority, had reached an agreement to effect some changes in the bus-route of that locality. It was planned that the bus would start passing from a new street, however before this could be authorized the council had to perform certain works. These works did not materialize, so the bus route was never changed. However, in the mean time, the Public Transport Authority had installed the new bus-stop sign. The Authority claimed that the sign was originally covered; however it was possible that vandals later removed the covering material.

According to Legal Notice 94 of 1997, the Police may tow a car which is parked in a marked towing zone, or if it is parked in such a way that it is obstructing or slowing the normal flow of traffic. The point at issue in this case was whether the Police acted correctly by towing complainant's car from under a bus stop placed in a street through which buses never passed. The Legal Notice does not specify whether a bus stop represents a towing zone. However it is reasonable to consider parking on a bus stop an obstacle to traffic-flow. The difference in this case was the fact that the bus stop involved has never been in use, and the sign was in fact covered when originally installed. The Ombudsrnan pointed out, that it is the duty of every law- enforcing official to make sure that the law has in fact been broken where he is authorizing sanctions. Since in this case, the constable was probably unaware that the bus stop was not in use, he did not abuse his authority by ordering the towing of complainant's car. However, the fact remained that the car was not an obstacle to traffic and therefore it should never have been towed. The Ombudsman felt that the suggestion made by the Police to complainant, to seek redress in court was not practical. Even if complainant won the case most probalbly he would have ended up worse off financially.

In view of the above facts, the Ombudsman concluded that complainant's car should not have been towed and therefore recommended refund of the Lm45 towing fine to complainant.

Case No 2879

**COMMISSIONER OF POLICE**

*ALLEGED UNLAWFUL TOWING*

A person alleged that his car was unjustly towed away when it was not parked in a towing zone or on any clearly visible double yellow lines. He further alleged that the car was not causing obstruction. He sought refund from the Police Department for unlawful towing but to no avail.

In October 1998 complainant parked his car at Old Bakery Street about 1.5 metres from the corner with St John Street Valletta. When he returned he did not find his car and on enquiring at the Police Station he realised that his car had been towed away. Parking in Old Bakery Street is on the right of the street as the traffic flows, and traffic can turn to the right and go up the sloping St John Street.

The official version from the Police Department regarding the incident was that the car was parked less than five metres from the corner and "being within the regulamentary five (5) metres limit", was towed away. The 5 metre limit is imposed by Reg 70 of the Motor Vehicles Regulations. The power of the Police to tow and remove an illegally parked car are laid down in LN 94 of 1997 Traffic Regulations (Clamping and Removal of Encumbering Objects) Regulation 1997. Regulation 3 thereof states as follow - "The Commissioner may remove, strore and dispose of any encumbering object which is causing inconvenience, or obstruction and is in a place or space which is not lawfully permirtted to be used for such purpose, or if such place or space is specifically indicated as a towing zone".

This means that for a vehicle to be towed, certain requisites have to be fulfilled:

(a) the place or space is specifically indicated as a towing zone; or

(b) the car is encumbering and causing a nuisance, inconvenience or obstruction and the vehicle is parked in a place where parking is not allowed.

There is no doubt that complainant was parked in a place where parking is prohibited, in contravention of Reg 70 of the Motor Vehicles Regulations. There was however no indication that the place is a towing zone.

The definition of a "towing zone" given in the pertinent regulations is "any such place or area as mav be indicated by notice by the Commissioner and by means of signs and markings in terms of the provisions of the Traffic Signs and Carriageway Markings Regulations, 1969, where the prohibited parking of vehicles is subject to ....the towing away of such vehicles from such zone....."

By means of Press Release No. 1316 issued on 4 July 1997 the Commissioner of Police notified that apart from the places indicated as towing zone by the regulatory signs, an encumbenng object may be removed if it consists of parking at a corner.

The exact wording of the press release is:

"Il-pubbliku huwa avżat illi barra dawk il-postijiet indikati b'tabelli bħala postijiet ta' rmonk kwalunkwe oġġett ta' ngombru jista' jitneħħa wkoll f 'dawn iċ-ċirkostanzi - Ipparkjar f'kantunieri."

In the light of the above consideration the Ombudsman concluded that the Police acted according to law in towing complainant's car and, therefore, the complaint was not upheld.




EXCLUSIVE DISTRIBUTORS: CHARLES GRECH & CO. LTD., VALLEY ROAD, B'KARA - TEL: 444400 - FAX: 444417


KROSSE
TIMELESS QUALITY
Enhancing
Warm
Relationships
Krosse, Pitkali Road Attard. Tel: 438871 Fax: 437994

# SPORTS

Minn ALFRED DEBATTISTA

NOTA:
*Peress li l-ħarġa l-oħra (Vol.10, Nru.4) ittardjat biex ġiet ippubblikata, il-ko-ordinament li ppjanajt ma' diversi membri tal-Korp involuti mill-organizzazzjoni u nvolviment f'diversi dixxiplini sportivi ma laħaqx sar kif xtaqt, għax il-messaġġ li ntroduċa l-paġni sportivi fil-ħarġa l-oħra dam ma wasal għand dawk involuti.*
*Għandi, b'danakollu, il-kontribut ta' seħibna s-Surġent Pierre Calleja (ferm ħabrieki, bħas soltu).*
*Kelli wkoll kuntatt ma' W.P.S Audrey Cassar li f'ħarġiet oħra jkollna kontribut ukoll dwar in-NETBALL.*
*Għal darb' oħra nħeġġeġ li kull min jista' biex jgħaddili kull materjal sportiv li jkollu biex nippublikawh f'din it-taqsima sportiva. Tistgħu tikkuntattjawni fuq tel: 223026*
*A.D.*

**PROFILI:**
PULIZIJA SPORTIVI... tal-PASSAT U TAL-PREŻENT

Għal din il-ħarġa wkoll, il-Pulizija Sportiv li ser nikteb dwaru hu wieħed tal-passat. F'ħarġa oħra nibda rubrika dwar membri tal-Korp preżenti li għamlu ġieħ kemm lilhom infushom kif ukoll lill-Korp, bil-prestazzjoni tagħhom fl-Isports li jipprattikaw.
Illum ser nagħtikom tagħrif dwar wieħed mill-aqwa (jekk mhux l-aqwa) footballers li libes il-flokk tal-Pulizija ta' Malta.
Dan huwa, GEJTU PSAILA li kien aktar magħruf bħala "Il-ĦAĊĊA". Meta fl-1920, kien qed jiġi ffurmat it-team tal-football tal-Korp, Psaila ġie ngaġġat meta kien diġa' għamel isem mat-teams ta' Marsa United, Ħamrun Spartans u MILITIA.
Għalkemm kien 'centre-half' ta' klassi, Gejtu kien jilgħab ukoll b'facilita' bħala 'centre-forward' u skorja ħafna goals.
Hu kien ukoll għażla awtomatika għall-MFA XI u meta daħal fil-Korp kien il-player ewlieni li fuqu u madwaru inbena t-team. Il-"Malta Chronicle" ta' dak iż-żmien kien ikollha kliem ta' tifħir għal Psaila wara kull logħba tal-Pulizija, kemm għall-abbilta' tiegħu kif ukoll għall-imġieba eżemplari tiegħu.

Fl-uniku staġun li l-Pulizija kkompetew fis-CIVILIAN LEAGUE Malti (1921-22), huma spiccaw fit-tielet post bi 8 punti minn sitt logħbiet, żewġ punti wara r-rebbieħa FLORIANA (10 pti) u punt wara s-SLIEMA (9 pti). F'dan il-kampjonat, Psaila kien il-protagonista ewlieni fit-team tal-Korp.
Meta fl-istaġun ta' wara, il-Pulizija ma reġgħux ikkompetew, Gejtu Psaila ġie reġistrat mal-FLORIANA li magħhom kompla karriera tassew sabiħa.

Tajjeb wieħed isemmi illi PSAILA kien l-ewwel player professjonali kif nafuh illum. Dan għaliex minbarra li kien jilgħab regularment ma' l-ewwel team tal-Floriana, kellu wkoll l-inkarigu li jittrenja t-tfal ta' l-iskola primarja tal-Furjana li ħadu sehem fl-ewwel kompetizzjoni għall-iskejjel tal-Gvern, fl-istaġun 1922/23.

(Darb' oħra nitkellmu dwar seħibna VINCE BUSUTTIL, champion Malti tad-DARTS )

IL-FESTI T-TAJBA
Peress li meta taslilkom din il-ħarġa jkun żmien il-ġranet sbieħ tal-Milied, nieħu din l-okkażjoni biex inwassal l-isbaħ xewqat għal-Milied hieni u sena ġdida mimlija risq lil membri kollha tal-Korp u sportivi u l-familji tagħhom.

MEMORJI TAL-PASSAT
Matul iż-żmien li ili nvolut fl-Isports, ilħaqt ġemmajt għadd kbir ta' ritratti ta' kull Sport.
Għal dak li għandu x'jaqsam mal-Korp, ser nibda nirriproduċi wieħed f'kull ħaġa.
Peress li qegħdin fi żmien il-Milied, għal din id-darba għażilt ritratt li kien ittieħed fl-Arena ta' l-Indipendenza, nhar 1-24 ta' Diċembru, 1973 (lejliet il-Milied) tal-logħba tal-VETERANI bejn id-Distrett tal-Belt (Valletta No.1 District) u team magħmul minn membri anzjani tas-C.I.D/H.Q.

Ħafna minn dawk li jiħdru m'għadhomx fil-Korp, iżda hemm oħrajn
li għadhom iservu.
Araw kemm tgħarfu minnhom !!!



KOMPETIZZJONIJIET TAL-FOOTBALL GVERN /PARASTATALI (Tagħrif provdut minn Pierre Calleja)

It-team tal-football tal-Pulizija qiegħed jieħu sehem, bħal kull sena, fil-kompetizzjonijiet tal-football organizzati għad-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali. Il-logħbiet li kellna s'issa kienu dawn:-

1. Knock-Out Competition
L-ewwel partita ta' l-istaġun 2000/01, kienet fl-ewwel Round tan-Knock li saret nhar is-7 ta' Novembru kontra Central Bank, li l-istaġun li għadda rebaħ il-promozzjoni għat-tieni Diviżjoni. Għalkemm it-team tagħna kien superjuri għall-avversarji tlifna ħafna ċansijiet ta' skor filwaqt li c-Central Rank iddefendew bil-għaqal. L-ewwel half għalaq fi draw ta' 0-0. Fit-tieni taqsima it-team tagħna ppressa iżjed u fetaħ l-iskor permezz ta' CASHA (PC.46). Meta l-avversarji tagħna ħarġu mid-difiża fi sforz biex jippareġġjaw, ZAMMIT (PS.874) issiġġilla r-rebħa bit-tieni goal, għal rebħa ta' 2-0.

2. LEAGUE... Division Two.
Wara r-rebħa fuq Central Bank fin-Knock Out, it-team tagħna kellu l-ewwel logħba tal-league kontra l-Ministeru tal-Politika Soċjali, nhar 1-14 ta' Novembru, 2000. Dan it-team rebaħ il-promozzjoni għal din id-diviżjoni l-istaġun l-ieħor u għalhekk stennejna logħba iebsa, kif fil-fatt kellna.

Għalkemm kellna dominanza għal ħafna ħin, it-team tagħna naqas li jsib ix-xibka fl-ewwel taqsima, bejn minħabba nuqqas ta' penetrazzjoni kif ukoll għal saves tajba li wettaq il-goalkeeper avversarju Vella.
Fit-tieni taqsima, wara xi bdil tattiku u pożizzjonali, għalkemm kontra r-riħ lagħbna aħjar u ftaħna l-iskor permezz ta' J. BORG (PC.1015). Ftit qabel tmiem il-logħba, goal tajjeb minn daqqa ta' ras ta' J.P.ABDILLA issiġilla r-rebħa għat-team tagħna.

3. It-Tieni logħba tal-league kienet kontra t-team tad-DWANA, fit-22 ta' Novembru, 2000, li rbaħniha wkoll bl-iskor ta' 2-1.
Li kieku ħadna ċ-ċansijiet li ġewna fl-ewwel taqsima, konna nserrħu rasna mir-riżultat kmieni.
L-aktar ċans ċar ta' goal li fallejna kien meta J.P. ABDILLA, wara li qabeż diversi players kellu x-xutt tiegħu jaħbat mal-lasta u mir-rebound P. ZAMMIT, b'lasta vojta xeħet barra.

Iżda f'nofs l-ewwel taqsima, irnexxilna nifthu l-iskor permezz ta' PS. ZAMMIT, bi ġmiel ta' goal minn barra l-kaxxa.
Fit-tieni taqsima, minkejja rimonta ta' l-avversarji, it-team tagħna skorja t-tieni goal permezz ta' P. ZAMMIT (PC874). Qabel is-suffara finali, id-DWANA naqqsu l-iżvantaġġ b'goal minn penalty (CASSAR) biex il-logħba ntemmet 2-1 favur tagħna.

The new

# Fiat Punto

First in Euro NCAP safety awards.
First with common rail diesel engine.

Being ahead of everyone else can get pretty

## lonely...



The **new Punto**, first in its class in the Euro NCAP safety awards and first to adapt the phenomenal JTD Common Rail diesel engine.

These firsts together with the styling, performance, efficiency and spaciousness, well distinguished with the Fiat Punto, put this car far, far ahead of its time and just in time for you.



**The Fiat Punto starts at Lm4,308**

...and seems like we will still be miles ahead for a

## long time!

EURO NCAP
www.euroncap.com
Date Assessed 24/02/2000

Now, how about that for a new species of wisdom!

FIAT

**DRIVEN BY PASSION**

FIAT SHOWROOM,
Psaila Street, B'Kara.
Tel: 483879 Fax: 483884

*U.C.I.M. Co. Ltd.*
*a member of the Pater Group.*

**TAGĦRIF DWAR L-ATTIVITATIJIET TAL-** **(Affiljata mall-Kunsill ta' l-Anzjani)**

# GĦAQDA PULIZIJA PENSJONANTI

**MIĠBURA MINN ALFRED DEBATTISTA**

1. ATTIVITA'



Nhar il-Ħadd, 15 t'Ottubru 2000, ġiet organizzata ħarġa kulturali u ikla, intenzjonata l-aktar għal sħabna membri Għawdxin.

Kien ippjanat li mal-wasla tagħhom fiċ-Ċirkewwa, norganizzawlhom żjarat f'diversi postijiet f'Malta u wara jingħaqdu mal-membri l-oħra Maltin għall-ikel.

Ġara li minħabba l-maltemp li ħakem liż-żewġ Gżejjer mal-ħin li l-Għawdxin kellhom jitilqu lejn Malta, dawn ma setgħux jivvjaġġaw, bil-konsegwenza li din l-attivita' kellha tiġi ristretta għal ikla li saret fir-Restaurant "Il-Fanal" ta' Wied il-Għajn.
Għal din l-ikla attendew numru sabiħ ta' membri u l-familjari tagħhom u kulħadd ħa pjaċir.

Dan sar possibbli bil-finanzjament ta' sieħibna, ex-kollega u wkoll membru fl-Għaqda, CARMELO ATTARD, illum propjetarju tal-CARINI STORES ta' Sta. Venera.
Lil Carmelo nwasslulu r-ringrazzjament u l-apprezzament tagħna lkoll għal din l-għajnuna ġeneruża.

2. STATUT TA' L-GĦAQDA



Wara li fl-aħħar ħarġa konna rrapurtajna dwar ir-reviżjoni li saret ta' l-Istatut ta' l-Għaqda, issa dan reġa' ġie stampat mill-ġdid u kopja tiegħu ser titqassam lil membri kollha ta' l-għaqda tagħna.

3. RAPPREŻENTANZA
Membri tal-Kunsill ta' l-Għaqda attendew bħala delegati f'għadd ta' laqgħat u Seminars organizzati minn Għaqdiet Nazzjonali tal-Pensjonanti u ta' l-Anzjani. L-aktar waħda riċenti kienet il-laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani li l-Għaqda tagħna tifforma parti minnu. Dan wara li l-istess delegati kienu attendew sessjonijiet oħra biex ivvutaw għal membri tal-Kunsill ġdid.

4. RIĊEVIMENT TAL-MILIED
Bħal ma jsir kull sena, din is-sena wkoll, il-Kummissarju, is-Sur George Grech, għoġbu jistieden lil membri kollha ta' l-Għaqda tagħna, flimkien man-nisa tagħhom, għal riċ eviment ta' żmien il-Milied, li meta morna għall-istampar ta' din il-ħarġa, konna nfurmati li kellu jsir, il-Ħadd filgħodu, il-31 ta' Diċembru 2000.
Riċeviment simili jsir ukoll għal membri ta' l-Għaqda GĦAWDXIN u din is-sena kellu jsir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru, f'post u ħin li kellu jitħabbar lil membri.

Dan huwa avveniment ferm mistenni mill-Għaqda u l-membri tagħna. Minbarra li xi jservi ta' okkażjoni oħra biex niltaqgħu soċjalment, nieħdu l-opportunita' biex għal darb'oħra nirringrazzjaw lis-Sur George Grech għas-sapport kontinwu u l-għajnuna li dejjem jagħti lil-Għaqda u l-membri tagħna.
Nieħu din l-okkażjoni biex f'isem il-President u membri tal-Kunsill, nagħti l-isbaħ xewqat għal Milied hieni u sena ġdida mimlija risq lil-Kummissarju u s-Sinjura Grech, lill-Uffiċjali u l-membri l-oħra tal-Korp kif ukoll lil pensjonanti kollha u l-familji tagħhom.

5. IĊ-ĊERIMONJA FUQ L-OQBRA



Bħalma jsir f'kull xahar ta' Novembru, din is-sena wkoll, l-GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI ħadet sehem fiċ-ċerimonja tat-tberik u t-tqegħid ta' fjuri fuq l-Oqbra tal-Pulizija mejtin. Din saret nhar il-Ħadd, 5 ta' Novembru 2000.
Il-Kummissarju, is-Sur Gorg Grech mexxa għadd ta' Uffiċjali għolja tal-Korp fejn attenda wkoll il-Ministru Dr. Louis Galea f'isem il-Ministru ta' l-Intern.
Iċ-ċerimonja reliġjuża tmexxiet mill-Kapillan tal-Korp, Fr. Raniero u wara, rappreżentanti tal-Korp u Għaqdiet konnessi poġġew kuruni tal-Fjuri fuq il-Monument.

Fir-ritratt, il-President ta' l-Għaqda tagħna, is-Sur Joe Azzpppardi, jidher ipoġġi l-kuruna f'isem il-Kunsill u l-Membri tagħna. Huwa kien akkompanjat waqt din iċ-ċerimonja minn uffiċjali oħra tal-Kunsill.

# INTERVISTA MA' L-EX-SUPRETENDENT IS-SUR JOHN SPITERI

*ikompli minn Volum 10 ħarġa Nru. 3*

**Kitba ta' Vincent P. Zahra - Viċi-President**



Meta staqsejt lis-Sur Spiteri kellux xi każ stramb fil-Belt, qalli li darba l-orderly qallu li hawn raġel qed jgħid li sieħbu qiegħed wieqaf u ma jridx ikelmu.

Konna morna f'kerrejja n-naħa t'isfel tal-Belt, u meta ftaħna l-post kien mingħajr dawl, xegħlna sulfarina dħalt l-ewwel jien u sibt li dan ir-raġel bir-raġun ma tkellimx għax kien mgħallaq. Kif għidt hekk sfajt waħdi.

Wara tliet xhur il-Belt erġajt mort it-Traffic Branch.
Fil-15 t'April 1964 sirt Supretendent, u s-Sur de Gray qalli se nibgħatek Għawdex, dak li jkollok bżonn ċempili.

Meta waslet il-Festa ta' San Ġorġ kien ċempili u qalli trid nibgħatlek il-kavallerija kif jagħmlu s-soltu, jien għidltlu grazzi, nirranġa jiena.
Il-festa waslet u għaddiet u kollox mexa sewwa.

F'Settembru ġabuni Malta minħabba l-Festi ta' l-Indipendenza, kont id-Depot u l-arranġamenti tat-Traffiku, ma kontx naf x'kien l-arranġamenti, imma bl-għajnuna ta' l-Ispetturi li kelli u l-membri oħra tal-Korp kollox mexxa tajjeb.
Wara li għaddew il-festi żammuni Malta, u tawni t-Traffic Branch, dak iż-żmien kienet tikkonsisti fit-Traffic Office, Licences Office, Fire Brigade, Route Buses u xogħol ieħor.
Kelli miegħi erba' Spetturi, u Staff tajjeb ħafna.

Staqsejt lis-Sur Spiteri li qalli kien ilu fil-Korp għal 39 sena u għidtlu barra dak li rrakontajt kellek xi każi li kienu ta' mportanza kbira?

Qalli dan żgur li kelli imma ma xtaqtx intawwallek iżjed.

L-akbar każ kien dak ta' tifel Twanny Aquilina li kien instab mejjet fid-dar in-naħa t'isfel tal-Belt, dan kien f'Awwisu 1960.
L-investigazzjonijiet kien tmexxew mis-Supretendent E. Attard, u l-Ispettur Ġiġi Micallef, u jiena.
Dawn baqgħu mixjin għal żmien mhux qasir, sakemm fl-aħħar ressaqnihom il-Qorti lil dawk li kienu akkużati.

Finalment kien sar il-Ġuri u ż-żewġ persuni kienu nstabu ħatja. Omm it-tifel Ġiġa ġiet ikkundannata għal mewt, iżda s-sentenza wara appell ġiet mibdula għal għomorha l-ħabs.
Il-persuna l-oħra misjuba ħatja, Manwel Camilleri kien mar għoxrin sena ħabs.

Ippresieda l-Ġuri Sir Anthony Mamo O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. miegħu kien hemm, Onor. Imħallef Anthony Montanaro Gauci C.B.E. K.M. LL.D., Onor Imħallef William D. Harding C.B.E., K.M., B. Litt, LL.D.
Il-Prosekuttur kien id-Deputat Attorney General Dr. Maurice Caruana Curran B.A; LL.D.
Assistit mill-Avukat tal-Kuruna Dr. Wallace Ph. Gulia B.A. B. Sc; LL.D; M.A.

Dan il-ġuri kien sar fid-9 ta' Mejju 1960.
Għadda dan iż-żmien kollu u dan il-każ ma ninsieh qatt.
F'xi żmien kien qed jagħmilha ta' Kummissarju s-Supretendent Eddie Bencini, għal xi ġranet kellu bżonn joħroġ bil-leave, u fi żmien li kien barra għamiltha ta' Aġent Kummissarju jiena; meta daħal reġa' kompla hu.
Il-post ta' Deputat Kummissarju kien vojt, sakemm spiċċajt jiena mis-servizz f'Ottubru 1973, u b'hekk għalaqt il-karriera tiegħi ta' 39 sena fil-Korp tal-Pulizija.
Nirringrazzja lil Alla li spiċċajt mill-Korp b'wiċċ il-ġid, u jiena sodisfatt għax dejjem irrispetajt lis-Superjuri tiegħi u lil dawk kienu taħt il-kmand tiegħi kont ukoll nirrispethom, u għalhekk sal-lum għadhom ukoll jirrispetawni.

Jiena nerġa' nirringrazzja lill-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjoni li stednitni għal din l-intervista.

Jiena wara din l-intervista bħala l-Viċi-President ta' l-Għaqda nirringrazzja lilek li tajtna kważi l-istorja ta' ħajtek, nawgurawlek ħajja twila u feliċi mal-familja tiegħek.
Miegħi għal din l-intervista kelli lis-Segretarju u l-Kaxxier ta' l-Għaqda s-Sinjuri Louis Muscat, u Louis Vella.

# OBITWARJU


Ex Insp. J. Piscopo


Ex PC. 105 Carmel Galea


Ex PC. 247 Joseph Cassar


Ex PC. 275 Emmanuel Tanti


Ex PC. 284 Paul Agius


Ex PC. 238 Joseph Camilleri


Ex PC. 373 Saviour Falzon


Ex PC. 446 Lawrence Tanti


Ex PC. 637 Gaetano Gafa'


Ex PC. 662 George Ricca


Ex PC. 679 Carmelo Cumbo


Ex PC. 71 Carmel Portelli

*Agħtihom, O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem*

*Bl-isbaħ xewqat għal Milied*
*u s-Sena tajba mill-Editur*
*u l-Bord Editorjali*
*tal- magazine*
*'Il-Pulizija'*



*Party tat-tfal tal-Milied*
*23 ta' Diċembru 2000*
*f 'Sir Temi Zammit Hall*
*Universita' tal-Qroqq fit-3.30 p.m.*

**Christmas Dinner Dance**
**fit- 30 ta' Diċembru 2000**
**fil-Jerma Palace Hotel, Marsascala**
**fit-8.00 p.m.**
**Prezz Lm7.30**



Lm5 off with every Lm50 spent

The Shop

Forget the trouble of having to stop at different places

*Stop at The Shop!!!*

The only place where you can find all your frozen foods under one roof

BORG
EST. 1918
BORG COLD STORES GROUP
Import & Distribution Ltd.

Abattoir Square, Marsa • Tel: 226701 / 4 • Fax: 231284 • Sales: 226982

" L'enfant Terrible "




**MICHAEL ATTARD LTD**
National Road, Blata l-Bajda Tel. 238854 • Fax. 240233
Psaila Street, St. Venera Tel. 449312
Gozo Agent: Attard Auto Dealer Tel. 559453
e-mail. info@michaelattard.com

206

PEUGEOT
Engineered to be Enjoyed



Msida multi-level intersection



Msida multi-level intersection



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commecial Centre, Sliema



St. James Art Centre, Valletta

Ballut Blocks Ltd is one of the leading companies in Malta, in the manufacture of all types of building materials. It provides a comprehensive and high quality range of services and materials for all your building construction needs from excavation, rock cutting, piling works to the manufacture of concrete blocks, ready mixed concrete, prestressed roof slabs and precast concrete beams. Ballut Blocks has the technical know-how and man power to deliver high quality products economically and on time.

**BALLUT BLOCKS LTD.**

PRECAST CONCRETE & CIVIL ENGINEERING WORKS

Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar • Tel: (356) 57 30 93, 57 26 66 • Fax: (356) 57 55 62


FLOCK HATCHERS
COMPANY LIMITED
BORG
EST.1918
COLD STORES
GROUP
Abattoir Square, Marsa.
Tel: 226701/4 (Office)
803785 (Hatchery)
Fax: 803785

If your prized possessions are worth more than their value to you, invest in their protection.
Group 4's services protect private residences against theft, fire and flooding and include
Guarding, Alarm Monitoring & Response, Patrolling and Vaulting.
group 4
SECURITAS
small enough to care, big enough to cope
Sorensen House, D. Cremona Str. G'Mangia.
Tel: 220129, 220469, 221482
Fax: 220774
Burglars go for antiques, jewellery
Cutting taken from
The Times
Tuesday, February 24, 1998

HSBC LIFE ASSURANCE (MALTA) LTD. IS LICENSED BY MFSC. PAST PERFORMANCE IS NOT NECESSARILY A GUIDE TO FUTURE PERFORMANCE AND THE VALUE OF INVESTMENTS, INCLUDING THE CURRENCY IN WHICH THEY ARE DENOMINATED AND HENCE OF YOUR PRIVATE RETIREMENT PLAN MAY GO DOWN AS WELL AS UP. INVESTMENTS IN FOREIGN CURRENCY ARE SUBJECT TO EXCHANGE CONTROL REGULATIONS.




Making the right decisions at the right time is essential. Thinking ahead is a must. The Private Retirement Plan from HSBC Life offers you the opportunity to do both.

It is a modern style investment package with potential long-term benefits, which can be reaped in those years you cannot yet imagine.

Call us today and we'll guide you through the possibilities and help you to understand that a retirement plan is not necessarily about retiring but about putting your money in areas of higher potential growth.

**HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.**
53, Mediterranean Buildings,
Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex MSD 12, Malta
**Tel: (356) 340592 Fax: (356) 341501**

**www.hsbcmalta.com**
**Freephone 0800 77 44 44**

HSBC

YOUR WORLD OF FINANCIAL SERVICES

*Issued by HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.*

If you would like more information, please fill in this coupon and send it to us at HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.

NAME ____________________

ADDRESS ____________________

____________ POSTCODE ____________ PHONE ____________